MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 378/2006

**A**

**-vs-**

**B, C, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u kuraturi**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-17 ta' Novembru, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

Illi fit-3 ta' Lulju, 2005 hija kellha tarbija li jisimha X (ċertifikat tat-twelid anness Dok. A).

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imsemmija minuri X jidher illi hija tiġi bint l-intimat B, li jiġi r-raġel ta' l-attriċi, li minnu llum hija legalment separata.

Illi fil-fatt il-minuri X hija l-bint naturali ta’ l-intimat l-ieħor C billi twieldet minn relazzjoni *extra*-maritali li r-rikorrenti kellha ma’ l-imsemmi C.

Għaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. tiddikjara li l-minuri X li twieldet lir-rikorrenti A fit-3 ta’ Lulju, 2005 m’hijiex bint l-intimat B iżda hija l-bint naturali ta’ l-intimat l-ieħor C;

2. konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri X, liema ċertifikat iġib in-numru ta’ iskrizzjoni XXXX/2005 fis-sens illi isem missier it-tarbija li huwa ndikat bħala B, u l-konnotati kollha tiegħu jiġu kanċellati, u sostitwiti b’isem l-intimat l-ieħor C u l-konnotati kollha tiegħu li jirriżultaw miċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, li jġib in-numru ta’ iskrizzjoni XXX/1974 (anness-Dok. B),

3. tordna wkoll li jiġu kkanċellati u mħassra l-kliem “*the* said” mill-kolonna li tirrigwarda d-dettalji ta’ l-omm u *cioe’* tar-rikorrenti A.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati nġunti għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-20 ta’ Frar, 2007 li permezz tagħha l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jeħtieġ illi l-minuri tkun parti fil-kawża u l-interessi tagħha rappreżentati minn kuraturi deputati.

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrenti tipprova l-impossibbilta' fiżika bejn il-konjuġi u *cioe'* bejn l-intimat B u bejnha.

4. *Inoltre*, mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, ir-rikorrenti fir-rigward ta' l-allegat missier naturali għandha tispeċifika wkoll in-numru tal-karta ta' l-identita' tiegħu, l-eta' tiegħu, fejn kien residenti u jekk kienx ħaj missieru fid-data li twieldet il-minuri biex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu nseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. *Inoltre*, ir-rikorrenti għandha tispeċifika x'għandu jkun il-kunjom tal-minuri fuq l-Att in kwistjoni.

5. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

7. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-4 ta' Diċembru, 2007 li permezz tagħha l-Kuraturi Deputati eċċepew bir-rispett:

Illi qabel xejn jidher li t-talba attriċi ma tistax treġi billi talba għal reklam ta' paternita' tmiss biss lill-wild innifsu, u dan kif għadha kif qatgħet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet <u>Thompson – Spiteri</u> tal-31 ta' Ottubru, 2007 li wettqet is-sentenza aktar qabel ta' din l-Qorti; iżda f'dak il-każ il-minuri X Pace mhux talli m'hijiex rikorrenti, talli hija intimata.

Illi fi kwalunkwe każ l-esponenti ma jafu xejn dwar il-fatti li wasslu għall-kawża u għalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu aktar tweġibiet 'il quddiem.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kuraturi deputati.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha u reġistrata bħala bint ir-raġel ta' l-attriċi u minnu separata bħala tal-konvenut C; il-kuraturi deputati qegħdin jeċċepixxu li l-attriċi ma tistax tipproponi din il-kawża billi din tispetta biss lill-wild.

Fis-sentenza msemmija mill-kuraturi deputati fir-risposta tagħhom u *cioe'* l-kawża fl-ismijiet Dennis Thompson vs Therese Spiteri et deċiża fil-31 ta' Ottubru, 2007 il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk;

"*Din il-Qorti spjegat il-pożizzjoni fir-rigward ta' azzjoni simili fis-sentenza riċensuri tagħha fl-ismijiet Marco Vella vs Pauline Cassar et deċiża fil-25 ta' Mejju, 2007 u ma tarax il-ħtieġa li toqgħod tirrepeti l-pożizzjoni li toħroġ mil-liġi u ġurisprudenza rigward il-materja in eżami. F'dik is-sentenza ... ġie kkonfermat li l-missier naturali ta' tarbija ma għandux azzjoni ta' reklam ta' paternita' filwaqt li bħala persuna altament interessata għandu azzjoni biex jimpunja l-leġittimita' ta' tifel a bażi ta' dak li hu provdut fl-Artikolu 76 u 77 tal-Kodiċi Ċivili.*"

Kif inhu ċar minn din il-parti tas-sentenza l-Qorti ppronunzjat ruħha dwar il-kawża stitwita mill-missier, u għalhekk wieħed irid jara jekk dan japplikax ukoll għall-omm. Fil-fatt is-sentenza tal-Prim'Awla li ġiet appellata u kkonfermata kif spjegat kienet għamlet riassunt tas-sitwazzjoni tajjeb ħafna meta qalet illi;

"*In subiecta materia l-pożizzjoni legali preżenti kif pronunzjata mill-ġurisprudenza intepretattiva (vide* Carmen Zammit vs Wail Dadouch *deċiża fid-19 ta' April, 2005) hija fis-sens li l-Kodiċi Ċivili jikkontempla tliet xorti ta' azzjonijiet fuq il-filjazzjoni naturali u cioe' dik tad-denegata paternita' kontemplata fl-Artiklu 70; dik ta' impunjazzjoni tal-filjazzjoni kontemplata fl-Artiklu 77 u dik ta' tfittxija u reklam ta' paternita' kontemplata fid-disposizzjonijiet kontemplati fis-sub-titolu II tat-Titolu II ta' l-ewwel Ktieb.*

*Illi filwaqt li l-ewwel azzjoni tmiss biss lil żewġ l-omm u l-eredi tiegħu (Artiklu 70 u 74), it-tieni azzjoni bażata fuq l-Artiklu 77 tmiss lil kull min ikollu interess u fiż-żewġ azzjonijiet kemm l-omm u kemm it-tifel iridu jkunu konvenuti; it-tielet azzjoni min-naħa l-oħra tispetta biss lit-tifel li allura ma jistax ikun konvenut fiha, imma biss attur anke jekk rappreżentat minn kuratur ad litem.*"

Jidher għalhekk ċar li l-eċċezzjoni tal-kuraturi deputati hija ġustifikata u l-azzjoni kif proposta ma tistax timxi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kuraturi deputati u tillibera l-konvenuti kollha mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------